TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 93/16MS
Carmelo Caruana

vs

T& H Distributors Ltd.

Illum, 22 ta' Awissu 2016

It Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent tal-10 ta' Mejju 2016 fejn wara li ppremetta li kien xtara *jigger* minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' mija u erbghin Euro (€140.00), liema jigger zviluppawlu diversi hsarat fil-mori tal-garanzia u peress illi s-socjeta' intimata ma rnexxilhiex tirrimedja, talab ir-rifuzjoni tas-somma fuq indikata ta' mija u erbghin Euro (€140,00).

Ra illi ghalkemm debitament notifkati bl-avviz u d-data tas-smigh, l-ebda rapprezentant tas-socjeta' intimata ma deher fil-gurnata appuntata ghas-smigh; u lanqas ma giet ipprezentata risposta.

Sema x-xhieda tar-rikorrent fejn dan ikkonferma li fid-29 ta' Settembru 2014, xtara *jigger* tal-marka Skil minghad is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' mija u erbghin Euro (€140.00). Kien l-istess *salesman* tas-socjeta' intimata illi rrakomanda dan il-prodott partikolari ghall-htigijiet tar-rikorrent. Ir-rikorrent xehed illi huwa uza dan il-*jigger,* b'kollox tmien (8) sighat li fihom gratlu hsara tlett darbiet u kull darba jinzamm xahar ghat-tiswija. Xehed ukoll illi fl-4 ta' Lulju 2016, il-gurnata tas-smigh tal-kawza, dan il-*jigger* kien qieghed ghand is-socjeta' intimata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' intimata u peress illi x-xhieda tar-rikorrent hija verosimili u gustifikata, jilqa' l-istess u jikkundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondi lir-rikorrent is-somma ta' mija u erbghin Euro (€140.00), b'dana illi s-socjeta' intimata jkollha d-dritt li zzomm il-*jigger* in kwistjoni. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru